

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 5

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

9 ta' Jannar 2008

Werrej

I Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 9/2008 tat-8 ta' Jannar 2008 li jstabilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 10/2008 tat-8 ta' Jannar 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea ta' l-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet dettaljati u l-aġġornament tar-regoli għat-tixrid tas-sistema ċentrali ta' l-ESSPROS u l-modulu dwar il-benefiċjarji ta' pensjoni ⁽¹⁾ 3**

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 11/2008 tat-8 ta' Jannar 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) fuq it-trażmissjoni tas-serji kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid 13**

II Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/27/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007 li tistabilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra l-influenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006 (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6687) 15**

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(l-kompli fil-paġna ta' wara)

2008/28/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-għieda kontra l-influenza tat-tjur fid-Danimarka fl-2006** (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6695) 17



I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 9/2008

tat-8 ta' Jannar 2008

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-8 ta' Jannar 2008 li jstabilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	IL	161,6
	MA	65,0
	TN	127,9
	TR	114,0
	ZZ	117,1
0707 00 05	JO	172,9
	MA	46,2
	TR	105,3
	ZZ	108,1
0709 90 70	MA	96,6
	TR	121,4
	ZZ	109,0
0709 90 80	EG	313,6
	ZZ	313,6
0805 10 20	CL	64,2
	EG	57,3
	IL	47,6
	MA	64,1
	TR	59,8
	ZA	41,9
	ZZ	55,8
0805 20 10	MA	83,8
	ZZ	83,8
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	59,5
	HR	29,7
	IL	61,8
	TR	71,1
	ZZ	55,5
0805 50 10	EG	129,4
	TR	109,1
	ZA	76,9
	ZZ	105,1
0808 10 80	CA	95,9
	CN	76,6
	MK	31,1
	US	102,0
	ZZ	76,4
0808 20 50	CN	67,2
	US	114,4
	ZA	134,7
	ZZ	105,4

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 10/2008

tat-8 ta' Jannar 2008

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea ta' l-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet dettaljati u l-aġġornament tar-regoli għat-tixrid tas-sistema ċentrali ta' l-ESSPROS u l-modulu dwar il-benefiċjarji ta' pensjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

tixrid tas-sistema ċentrali ESSPROS u l-modulu dwar il-benefiċjarji ta' pensjoni għandhom jiġu adottati.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolment huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar is-sistema Ewropea ta' l-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 7(1) u 7(3) tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Billi:

Artikolu 1

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 waqqaf qafas metodoloġiku li jrid jintuża għall-għbir ta' l-istatistika fuq bażi komparabbli għall-benefiċċji tal-komunità u limiti taż-żmien għat-trażmissjoni u t-tixrid ta' l-istatistika miġbura skond l-ESSPROS.

Il-miżuri implimentattivi mitluba mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 458/2007 fir-rigward tas-sistema ċentrali ESSPROS (għal *data* kwantitattiva kif ukoll għal tagħrif kwalitattiv minn skemi u benefiċċji dettaljati) u fir-rigward tal-modulu dwar il-benefiċjarji ta' pensjoni għandhom ikunu kif stipulat fl-Annessi 1 sa 3.

(2) Skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 458/2007, miżuri implimentattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni dettaljata tad-*data* koperta, id-definizzjonijiet li jridu jintużaw u l-aġġornament tar-regoli għat-

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 113, 30.4.2007, p. 3.

ANNEX 1

DEFINIZZJONIJIET

1. **DEFINIZZJONIJIET TAS-SISTEMA ĊENTRALI TA' L-ESSPROS**
- 1.1. RAGGRUPPAMENT TA' L-ISKEMI: KRITERJI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TA' L-ISKEMI TAL-ĦARSIEN SOĊJALI
- 1.1.1 **Teħid ta' deċiżjonijiet**

It-teħid ta' deċiżjonijiet jirreferi għall-unità li tiegħu l-iktar deċiżjonijiet importanti: il-livell tal-benefiċċji, it-termini li skondhom isir il-ħlas u l-modi ta' kif tiġi ffinanzjata l-iskema. L-iskemi jistgħu jkunu kkontrollati mill-gvern jew mhux ikkontrollati mill-gvern.
- 1.1.2 **Infurzar tal-liġi**

L-infurzar tal-liġi jirreferi għar-regoli stipulati mil-leġiżlazzjoni li tikkonċerna s-sħubija tan-nies imħarsa. Is-sħubija fi skema ta' ħarsien soċjali tista' tkun obbligatorja jew mhux obbligatorja.
- 1.1.3 **It-twaqqif tad-drittijiet**

It-twaqqif tad-drittijiet jirreferi għall-bażi li fuqha l-persuna mħarsa tkun eleggibbli għall-benefiċċji: bil-kundizzjoni jew mhux bil-kundizzjoni tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.
- 1.1.4 **L-ambitu ta' l-iskema**

L-ambitu ta' l-iskema jirreferi għall-parti tal-popolazzjoni li hija mħarsa (il-popolazzjoni kollha, il-ħaddiema kollha jew il-parti l-kbira tagħhom jew sezzjonijiet speċifiċi tal-popolazzjoni).
- 1.1.5 **Livell ta' ħarsien**

Livell ta' ħarsien jirreferi għal jekk l-iskemi ta' ħarsien soċjali joffru livell bażiku jew supplimentari ta' ħarsien.
- 1.2. DĦUL MINN SKEMI TA' ĦARSIEN SOĊJALI
- 1.2.1 Kontribuzzjonijiet soċjali huma l-ispejjeż imġarrba minn min iħaddem fisem l-impjegati tiegħu jew minn persuni mħarsa biex jiżguraw dritt għal benefiċċji soċjali.
- 1.2.2 Kontribuzzjonijiet tal-gvern ġenerali jfissru l-ispiża tal-gvern ġenerali biex imexxi skemi pubbliċi mingħajr kontribuzzjoni u appoġġ finanzjarju mogħti mill-gvern ġenerali lil skemi oħrajn ta' ħarsien soċjali għar-residenti.
- 1.2.3 Trasferimenti minn skemi oħrajn ifissru ħlasijiet mingħajr kontropartita li jiġu minn skemi ta' ħarsien soċjali oħrajn. Dawn jinkludu kontribuzzjonijiet soċjali li jinqalbu minn skemi oħrajn.
- 1.2.4 Dħul ieħor ifisser dħul attwali ieħor minn skemi ta' ħarsien soċjali.
- 1.3. INFIQ TA' SKEMI TA' ĦARSIEN SOĊJALI
- 1.3.1 **Funzjonijiet**

Il-funzjoni ta' benefiċċju ta' ħarsien soċjali jfisser l-għan ewlieni li għalih jingħata l-ħarsien soċjali huwa pprovdut, irrispettivament mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew istituzzjonali.
- 1.3.1.1 Mard/kura tas-saħħa

Salvagwardja tad-dħul u appoġġ fi flus marbuta mal-mard fiżiku u mentali, minbarra d-diżabilità. Il-kura tas-saħħa maħsuba għaż-żamma, l-irkupru jew it-titjib tas-saħħa tan-nies imħarsa irrispettivament mill-orijini tal-marda.
- 1.3.1.2 Diżabilità

Salvagwardja tad-dħul u appoġġ fi flus jew le (ħliet għall-kura tas-saħħa) marbuta ma' l-inkapaċità ta' nies diżabbli fiżikament jew mentalment biex jidħlu f'attivitajiet ekonomiċi u soċjali.

1.3.1.3 Anzjani

Salvagwardja tad-dħul u appoġġ fi flus jew le (ħlief għall-kura tas-saħħa) marbuta ma' l-anzjani.

1.3.1.4 Superstiti

Salvagwardja tad-dħul u appoġġ fi flus jew le marbuta mal-mewt ta' membru tal-familja.

1.3.1.5 Familja/tfal

Appoġġ fi flus jew le (ħlief għall-kura tas-saħħa) marbutin ma' l-ispejjeż tat-tqala, tat-twellid u l-adozzjoni, it-trobbija tat-tfal u l-kura ta' membri oħrajn tal-familja.

1.3.1.6 Qgħad:

Salvagwardja tad-dħul u appoġġ fi flus jew le marbuta mal-qgħad.

1.3.1.7 Djar

Għajnunha għall-ispejjeż tad-djar.

1.3.1.8 Esklużjoni soċjali (n.e.c.)

Benefiċċji fi flus jew le (ħlief għall-kura tas-saħħa) maħsuba speċifikament għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali meta ma jkunux koperti minn waħda mill-funzjonijiet l-oħrajn.

1.3.2 **Benefiċċji tal-ħarsien soċjali**

1.3.2.1 Benefiċċju fi flus ifisser benefiċċju mħallas fi flus u li ma jeħtiġx evidenza li min jirċeviha ġarrab xi spiża.

1.3.2.2 Benefiċċji mhux fi flus ifissru benefiċċji mogħtija fil-forma ta' oġġetti u servizzi. Huma jistgħu jkunu provduti permezz ta' rimbors jew direttament.

1.3.2.3 Benefiċċji soċjali skond eżami tal-mezzi jfissru benefiċċji soċjali li huma espliċitament jew impliċitament dipendenti fuq li d-dħul tal-benefiċjarju u/jew ġidu jkun inqas minn livell speċifikat.

1.3.3 Spejjeż amministrattivi jfissru l-ispejjeż imħallsa mill-iskema għall-ġestjoni u l-amministrazzjoni tagħha.

1.3.4 Trasferimenti lejn skemi oħrajn ifissru ħlasijiet mingħajr kontropartita li jsiru lil skemi ta' ħarsien soċjali oħrajn. Dawn jinkludu kontribuzzjonijiet soċjali li jinqalbu għal skemi oħrajn.

1.3.5 Infiq ieħor ifisser infiq varju minn skemi ta' ħarsien soċjali (ħlas ta' dħul minn proprjetà u nfiq ieħor).

2. **DEFINIZZJONIJET GĦALL-MODULU DWAR IL-BENEFIĊJARJI TA' PENSJONI**2.1. **IL-BENEFIĊJARJI TA' PENSJONI**

In-numru ta' benefiċjarji f'kull stadju jista' jkun definit bħala n-numru ta' persuni li rċevew ta' l-inqas pensjoni waħda mis-seba' kategoriji ta' l-ESSPROS:

— pensjonijiet tad-diżabilità,

— benefiċċji ta' rtirar kmieni minħabba kapaċità mnaqqsa għax-xogħol,

— pensjonijiet ta' l-anzjani,

— pensjonijiet ta' l-anzjani antiċipati,

— pensjonijiet parzjali,

— pensjonijiet tas-superstiti u,

— irtirar kmieni minħabba raġunijiet ta' suq tax-xogħol.

Kull persuna li tirċievi iktar minn pensjoni waħda tingħadd darba biss (numru ta' benefiċjarji mingħajr għadd doppju).

- 2.1.1 Pensjonijiet għal diżabilità ifissru ħlasijiet perjodiċi maħsuba biex jissalvagwardjaw jew jappoġġjaw id-dħul ta' xi ħadd taħt l-età legali/standard ta' rtirar, kif stabbilita fl-iskema ta' referenza, u li jbati minn xi diżabilità li ttelliflu l-kapaċità biex jaħdem jew jaqla' l-flus aktar mil-livell minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni.
- 2.1.2 Benefiċċji ta' rtirar kmieni minħabba kapaċità mnaqqsa għax-xogħol ifissru ħlasijiet perjodiċi lil ħaddiema aktar avvanzati fl-età li jirtiraw qabel ma jilħqu l-età ta' rtirar legali/standard, kif stabbilita fl-iskema ta' referenza, minħabba kapaċità mnaqqsa għax-xogħol.
- 2.1.3 Pensjonijiet ta' l-anzjani jfissru ħlasijiet perjodiċi maħsuba biex i) jissalvagwardjaw id-dħul tal-benefiċjarju wara l-irtirar minn impjieg bi qligħ fl-età legali/standard jew ii) jappoġġjaw id-dħul ta' persuni anzjani (ħlief appoġġ b'dewmien limitat).
- 2.1.4 Pensjonijiet ta' l-anzjani antiċipati jfissru ħlasijiet perjodiċi maħsuba biex jissalvagwardjaw id-dħul ta' benefiċjarji li jirtiraw qabel l-età legali/standard kif stabbilita fl-iskema rilevanti.
- 2.1.5 Pensjonijiet parzjali jfissru ħlasijiet perjodiċi ta' parti mill-pensjoni sħiħa ta' l-irtirar lil ħaddiema aktar avvanzati fl-età li jibqgħu jaħdmu iżda jnaqqsu s-siġħat tax-xogħol tagħhom jew li d-dħul tagħhom minn attività professjonali huwa taħt il-limitu definit.
- 2.1.6 Pensjonijiet tas-superstiti jfissru ħlasijiet perjodiċi lil nies li d-dritt tagħhom ġej mir-relazzjoni tagħhom ma' persuna li mietet imħarsa minn xi skema (romol, orfni u simili).
- 2.1.7 Irtirar kmieni minħabba raġunijiet tas-suq tax-xogħol ifisser ħlasijiet perjodiċi lil ħaddiema aktar avvanzati fl-età li jirtiraw qabel ma jilħqu l-età legali/standard ta' l-irtirar minħabba qgħad jew nuqqas ta' impjegi kkawżati minn miżuri ekonomiċi bħar-ristrutturazzjoni ta' settur industrijali jew ta' negozju.

2.2. ETÀ LEGALI/STANDARD TA' RTIRAR GĦALL-BENEFIĊĠI TA' L-ANZJANI

L-età legali għall-irtirar għall-benefiċċji ta' l-anzjani tfisser l-età minn meta l-benefiċċji ta' l-anzjani jibdew jitħallsu, jekk ikun stipulat minn leġiżlazzjoni jew kuntratt. Din l-età tista' tvarja kemm bejn il-pajjiżi u kemm bejn l-Istati Membri, skond is-settur ta' l-attività, ix-xogħol, is-sess u affarijiet oħrajn.

Meta ma jkun hemm l-ebda età legali għall-irtirar, trid tintuża età standard ta' l-irtirar li tfisser l-età ta' l-irtirar offruta mill-iskema li ħallset il-pensjoni lill-benefiċjarju.

3. MANWAL TA' REFERENZA

Id-definizzjonijiet dettaljati li jridu jintużaw għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huma stipulati fil-Manwal ta' l-ESSPROS prodott mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri.

ANNEX 2

KLASSIFIKAZZJONIJIET DETTALJATI

1. **KLASSIFIKAZZJONI TA' SKEMI U DATA KWANTITATTIVA (INKLUŻI D-DĦUL, L-INFIQ U L-BENEFIĊĠI SKOND IL-FUNZJONI) KOPERTI MIS-SISTEMA ĊENTRALI TA' L-ESSPROS**1.1. **KLASSIFIKAZZJONI TA' L-ISKEMI (Tagħrif kwalitattiv)****Kriterju: Teħid ta' deċiżjonijiet**

Skemi kkontrollati mill-gvern

Skemi mhux ikkontrollati mill-gvern

Kriterju: Infurzar tal-liġi

Skemi obbligatorji

Skemi mhux obbligatorji

Kriterju: It-twaqqif tad-drittijiet

Skemi kontributorji

Skemi mhux kontributorji

Kriterju: Ambitu

Skemi universali

Skemi ġenerali

Skemi speċjali

Kriterju: Livell ta' ħarsien

Skemi bażiċi

Skemi supplimentari

1.2. KLASSIFIKAZZJONI TA' DATA KWANTITATTIVA

Id-definizzjonijiet dettaljati s'ħaħ li jridu jintużaw għad-data obbligatorja li għandha tintbagħat lill-Eurostat huma stipulati fil-Manwal ta' l-ESSPROS prodott mill-Kummissjoni Ewropea b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri. Dawn il-klassifikazzjonijiet dettaljati huma miġbura fil-klassifikazzjoni ta' l-ewwel livell stabbilit hawn taħt.

1.2.1 **Dħul**

Is-sistema ċentrali ESSPROS tikklassifika d-dħul minn skemi ta' ħarsien soċjali skond it-tip u l-oriġini. It-tip jindika n-natura ta', jew ir-raġuni għall-ħlas: kontribuzzjonijiet soċjali, kontribuzzjonijiet ġenerali tal-gvern, trasferimenti minn skemi oħrajn u dħul ieħor.

1.2.1.1 *Dhul skond it-tip*

Dħul totali

Kontribuzzjonijiet soċjali

Kontribuzzjonijiet soċjali minn min iħaddem

Kontribuzzjonijiet soċjali mill-persuni mħarsa

Kontribuzzjonijiet ġenerali mill-gvern

Taxxi speċifiċi

Dħul ġenerali

Trasferimenti minn skemi oħrajn

Kontribuzzjonijiet soċjali li jinqalbu minn skemi oħrajn.

Trasferimenti oħrajn minn skemi residenti oħrajn

Dħul ieħor

Dħul minn proprjeta

Dħul ieħor

1.2.1.2 *Dħul skond l-oriġini*

L-oriġini tispeċifika s-settur istituzzjonali minn fejn isir il-ħlas.

Il-klassifikazzjonijiet tas-setturi istituzzjonali minn fejn jiġu l-iskemi ta' ħarsien soċjali huma daww użati fil-kontijiet nazżjonali (ESA 95).

Korporazzjonijiet

Gvern ċentrali

Gvern statali u lokali

Fondi ta' sigurtà soċjali

Familji

Istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ li jagħtu servizz lill-familji

Il-bqija tad-dinja

1.2.2 **Infiq**

L-infiq ta' l-iskemi ta' ħarsien soċjali huwa klassifikat skond it-tip, li jindika n-natura ta', jew ir-raġuni għall-infiq: benefiċċji ta' ħarsien soċjali, spejjeż amministrattivi, trasferimenti għal skemi oħrajn u nfiq ieħor.

Benefiċċji ta' ħarsien soċjali jitqassmu f'benefiċċji skond eżami tal-mezzi u mingħajr eżami tal-mezzi. Il-klassifikazzjoni ta' benefiċċji ta' ħarsien soċjali jagħti iktar dettalji li jiddependu minn jekk il-benefiċċju hux provdut fi flus (bħala ħlas perjodiku jew somma f'daqqa) jew mhux fi flus. Barra minn hekk, klassifikazzjoni iktar dettaljata tintuża fejn l-annotazzjonijiet ikunu rilevanti għal wieħed biss jew numru limitat biss tal-funzjonijiet elenkati fis-Sezzjoni 1.2.3. Din il-klassifikazzjoni ulterjuri hija definita fil-Manwal ta' l-ESSPROS.

Infiq totali

Benefiċċji tal-ħarsien soċjali

Benefiċċji tal-ħarsien soċjali, mingħajr eżami tal-mezzi

Benefiċċji fi flus, mingħajr eżami tal-mezzi

Benefiċċji perjodiċi fi flus, mingħajr eżami tal-mezzi

Benefiċċji fi flus imħallsa f'daqqa, mingħajr eżami tal-mezzi

Benefiċċji mhux fi flus, mingħajr eżami tal-mezzi

Benefiċċji tal-ħarsien soċjali, skond eżami tal-mezzi

Benefiċċji fi flus, skond eżami tal-mezzi

Benefiċċji perjodiċi fi flus, skond eżami tal-mezzi

Benefiċċji fi flus imħallsa f'daqqa, skond eżami tal-mezzi

Benefiċċji mhux fi flus, skond eżami tal-mezzi

Spejjeż ta' amministrazzjoni

Trasferimenti għal skemi oħrajn

Kontribuzzjonijiet soċjali li jinqalbu għal skemi oħrajn

Trasferimenti oħrajn għal skemi residenti oħrajn

Infiq ieħor

1.2.3 **Benefiċċji skond il-funzjoni**

Il-klassifikazzjoni skond il-funzjoni hija kif ġejja:

Mard/Kura tas-saħħa

Diżabilità

Anzjani

Superstiti

Familji/Tfal

Qgħad

Djar

Esklużjoni soċjali (n.e.c.)

2. **KLASSIFIKAZZJONI DETTALJATA TAL-BENEFIĊJARJI TA' PENSJONI**

2.1 DATA

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni (funzjoni tad-diżabilità) mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *tad-diżabilità* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji li jirċievu *benefiċċji ta' rtirar kmieni minħabba kapaċità mnaqqsa għax-xogħol* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *tad-diżabilità (mingħajr eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji li jirċievu *benefiċċji ta' rtirar kmieni minħabba kapaċità mnaqqsa għax-xogħol (mingħajr eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *tad-diżabilità (skond eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji li jirċievu *benefiċċji ta' rtirar kmieni minħabba kapaċità mnaqqsa għax-xogħol (skond eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni (funzjonijiet ta' pensjoni għall-anzjani u s-superstiti) mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni (funzjoni għall-anzjani) mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *għall-anzjani* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni ta' *l-anzjani* antiċipata mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *parzjali* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni ta' *l-anzjani (mingħajr eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni ta' *l-anzjani antiċipata (mingħajr eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *parzjali (mingħajr eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni ta' *l-anzjani (skond eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni ta' *l-anzjani (skond eżami tal-mezzi)* antiċipata mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *parzjali (skond eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni (funzjoni tas-superstiti) mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *tas-superstiti (mingħajr eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni *tas-superstiti (skond eżami tal-mezzi)* mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji ta' pensjoni (funzjoni tal-qgħad) mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji li jirċievu benefiċċji ta' rtirar kmieni għal raġunijiet tas-suq tax-xogħol (mingħajr eżami tal-mezzi) mingħajr għadd doppju

Numru totali ta' benefiċjarji li jirċievu benefiċċji ta' rtirar kmieni għal raġunijiet tas-suq tax-xogħol (skond eżami tal-mezzi) mingħajr għadd doppju

2.2 TAGĦRIF SUPPLIMENTARI

Età legali jew standard għall-irtirar skond is-sess u skond l-iskema

Data ta' referenza/metodu ta' kalkolu skond l-iskema

ANNEX 3

AĠĠORNAMENT TAR-REGOLI GĦAT-TIXRID**1. AĠĠORNAMENT TAR-REGOLI GĦAT-TIXRID GĦAS-SISTEMA ĊENTRALI TA' L-ESSPROS****1.1. AĠĠORNAMENT TAR-REGOLI GĦAT-TIXRID TA' DATA KWANTITATTIVA SKOND IR-RAGGRUPPAMENT TA' L-ISKEMI****1.1.1. Raggruppament ta' l-iskemi skond il-kriterji**

Utenti speċifiċi jistgħu jitħallew jipubblikaw id-*data* skond skemi ta' raggruppament konformi mal-klassifikazzjoni ta' l-iskemi ta' l-ESSPROS definiti skond il-kriterji fl-Anness 1, Taqsima 1.1 ("Raggruppament ta' l-iskemi").

1.1.2. Data skond l-iskemi

Utenti speċifiċi se jitħallew jipubblikaw *data* skond l-iskemi jew il-gruppi ta' skemi għal dawk il-pajjiżi li ma jagħtux kunsens espliċitu għal tixrid sħiħ għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Il-gruppi ta' l-iskemi se jkollhom jikkonformaw mar-regoli tat-tixrid stipulati minn kull Stat Membru kkonċernat.

1.2. AĠĠORNAMENT TAR-REGOLI GĦAT-TIXRID TA' TAGĦRIF KWALITATTIV SKOND L-ISKEMA U L-BENEFIĊĠI DETTALJATI

L-Eurostat se titħalla tippublika tagħrif kwalitattiv skond l-iskema u l-benefiċċi dettaljati b'appoġġ adegwat.

2. AĠĠORNAMENT TAR-REGOLI GĦAT-TIXRID TA' DATA DWAR IL-BENEFIĊJARJI TA' PENSJONI**2.1. GĦADD TOTALI TA' KATEGORIJI SKOND IL-KLASSIFIKAZZJONI ESSPROS TAL-BENEFIĊJARJI TA' PENSJONI**

Utenti speċifiċi se jitħallew jipubblikaw *data* għas-seba' kategoriji ta' pensjonijiet u għall-għadd totali ta' kategoriji skond il-klassifikazzjoni ta' l-ESSPROS għall-benefiċjarji ta' pensjoni fl-Anness 2, Taqsima 2 (Klassifikazzjoni dettaljata ta' benefiċjarji ta' pensjoni).

Utenti speċifiċi se jitħallew ukoll jipubblikaw it-tqassim bejn il-benefiċjarji skond eżami tal-mezzi u dawk mingħajr eżami tal-mezzi, skond il-klassifikazzjoni ta' l-ESSPROS għall-benefiċjarji ta' pensjoni fl-Anness 2, Taqsima 2 (Klassifikazzjoni dettaljata ta' benefiċjarji ta' pensjoni).

2.2. DATA SKOND L-ISKEMI

Utenti speċifiċi se jitħallew jipubblikaw *data* skond l-iskemi jew il-gruppi ta' skemi għal dawk il-pajjiżi li ma jagħtux kunsens espliċitu għal tixrid sħiħ għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Il-gruppi ta' l-iskemi se jkollhom jikkonformaw mar-regoli tat-tixrid stipulati minn kull Stat Membru kkonċernat.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 11/2008

tat-8 ta' Jannar 2008

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) fuq it-trażmissjoni tas-serji kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jikkostitwixxi l-qafas legali għall-klassifikazzjoni reġjonali ta' l-UE sabiex tkun tista' tinġabar, tiġi kkompilata u distribwita statistika reġjonali armonizzata fil-Komunità.
- (2) L-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 jipprovdi li meta ssir emenda lill-klassifikazzjoni NUTS, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni s-serji kronoloġiċi għall-klassifikazzjoni reġjonali l-ġdida biex jibdlu d-data mibgħuta diġà. Il-lista ta' serji kronoloġiċi u t-tul tagħhom għandhom jiġu speċifikati mill-Kummissjoni hija u tqis il-fattibilità tal-provvista tagħhom. Dawn is-serji kronoloġiċi għandhom jiġu pprovduti fi żmien sentejn mill-emenda għall-klassifikazzjoni NUTS.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 1888/2005 ⁽²⁾ minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea u bir-Regolament (KE) Nru 105/2007.

- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' Statistika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ⁽³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni s-serji kronoloġiċi għall-klassifikazzjoni reġjonali l-ġdida skond il-lista speċifikata fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2007 (ĠU L 39, 10.2.2007, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 309, 25.11.2005, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

ANNEX

Is-sena tal-bidu rikjesta skond il-qasam ta' l-istatistika

Qasam	NUTS livell 2	NUTS livell 3
Agrikoltura	2007	
Demografija	1990	1990
Il-kontijiet Reġionali	1999	1999
Kontijiet domestiċi	1999	
Edukazzjoni	2007	
Saħħa - kawżi ta' mewt	1994	
Saħħa - Infrastruttura	2000	
Stħarriġ tal-Forza tax-Xogħol	2000	
Impjiegi, Qgħad		2000
Riċerka u Żvilupp	2003	
Stħarriġ Strutturali tan-Negozju	2007	
Turiżmu	2000	2005
Trasport bit-triq		2007
Trasport - ferrovija	2005	
Trasport bil-kanali interni	2007	
Ambjent - statistika ta' l-iskart	2004	
Ambjent - oħrajn	2003	

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 2007

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-għieda kontra l-influenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6687)

(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)

(2008/27/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-2006 kien hemm tifqigħat ta' l-influenza tat-tjur fir-Renju Unit. Il-feġġ ta' din il-marda ppreżenta periklu serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.
- (2) Għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-marda u biex tingħata għajjnuna għall-eradikazzjoni tagħha malajr kemm jista' jkun, il-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru skond il-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fil-għieda kontra l-marda, kif previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/272/KE tal-25 ta' April 2007 li tikkonċerna kontribuzzjoni finanzjarja

mill-Komunità diretta lejn miżuri ta' emerġenza meħuda biex għall-għieda ta' l-influenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006 ⁽²⁾ allokat kontribuzzjoni finanzjarja bir-rata ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli għall-iffinanzjar tal-Komunità għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda għall-għieda kontra din it-tifqigħa.

- (4) Skond din id-Deċiżjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas fuq il-bażi tat-talba mressqa mir-Renju Unit fit-18 ta' Mejju 2007 u d-dokumenti ta' evidenza kif stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-għieda kontra ċertu mard ta' l-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ⁽³⁾.
- (5) Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għan-nefqa eliġibbli mġarrba assoċjata ma' l-eradikazzjoni ta' l-influenza tat-tjur fir-Renju Unit fl-2006 issa għandu jiġi stipulat.
- (6) Ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet li saru mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli veterinarji Komunitarji u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità jfissru l-ammont sħiħ tan-nefqa li tressqet ma jistax jiġi rikonoxxut bħala wieħed eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 115, 3.5.2007, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

(7) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lir-Renju Unit fittra bid-data tal-5 ta' Ottubru 2007.

Renju Unit fl-2006 skond id-Deċiżjoni 2007/272/KE hija stipulata għal EUR 385 363,67.

Artikolu 2

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità diretta lejn in-nefqa assoċjata ma' l-eradikazzjoni ta' l-influenza tat-tjur fir-

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 2007

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra l-influenza tat-tjur fid-Danimarka fl-2006

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6695)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

(2008/28/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 3(3) u 3a(1) tagħha,

Billi:

- (1) Sehew tifqigħat ta' l-influenza tat-tjur fid-Danimarka fl-2006. Il-feġġ ta' din il-marda ppreżenta periklu serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.
- (2) Għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-marda u biex tingħata għajjnuna għall-eradikazzjoni tagħha kemm jista' jkun malajr, il-Komunità għandha tikkontribwixxi fin-nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru skond il-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fil-ġlieda kontra l-marda, kif inhu previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/310/KE tas-27 ta' April 2007 li tikkonċerna kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi miġġielda l-influenza tat-tjur fid-Danimarka, fl-2006 ⁽²⁾ ikkonċediet kontribuzzjoni finanzjarja bir-rata ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli għall-iffinanzjar tal-Komunità għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda biex tiġi miġġielda t-tifqigħa.
- (4) Skond din id-Deċiżjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas fuq il-bażi tat-talba magħmula mid-Danimarka fl-24 ta' Ġunju 2007 u d-dokumenti ta' evidenza kif stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstabbilixxi r-regoli dwar l-iffinanzjar mill-Komunità ta' miżuri ta' emerġenza u tal-kampanja biex jiġi miġġieled ċertu mard ta' l-annimali skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ⁽³⁾.
- (5) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fuq, l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għan-

nefqa mġarrba fil-kuntest tal-qerda ta' l-influenza tat-tjur fid-Danimarka fl-2006 issa għandu jiġi ffixsat.

- (6) Ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet li saru mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli veterinarji Komunitarji u l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-appoġġ finanzjarju Komunitarju ifissru l-ammont kollu li tressaq ma jstax jiġi rikonoxxut bħala wieħed eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja.
- (7) Il-kummenti tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lid-Danimarka fittra bid-data tad-9 ta' Ottubru 2007.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mill-Komunità għan-nefqa marbuta ma' l-influenza tat-tjur fid-Danimarka fl-2006 skond id-Deċiżjoni 2007/310/KE hija ffixsata għal EUR 329 862,70.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 117, 5.5.2007, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.